DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 73/2018

tat-23 ta' Marzu 2018

li temenda l-Anness XX (L-Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2020/90]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1231 tas-6 ta' Ġunju 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1153 li jistabbilixxi metodoloġija biex jiġu determinati l-parametri ta' korrelazzjoni neċessarji biex tiġi riflessa bidla fil-proċedura tat-test regolatorju bl-iskop li jiġu ċċarati aspetti proċedurali u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1014/2010 ([1]) irid jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk, l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied mal-punt 21aez (ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1153) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

", kif emendat bi:

— **32017 R 1231**: ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1231 tas-6 ta' Ġunju 2017 (ĠU L 177, 8.7.2017, p. 11)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1231 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li ser jiġu ppubblikati fis-Suppliment dwar iż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 2018, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*), jew dakinhar tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 71/2018 tat-23 ta' Marzu 2018 ([2]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Marzu 2018.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Claude MAERTEN

([1]) ĠU L 177, 8.7.2017, p. 11.
(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([2]) Ara paġna xxx ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.